FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 15 ta' Mejju, 2002

**Avviz Nru:1366/01 PM**

**Sinclair u Theresa konjugi Valletta**

**Vs**

**Celestino Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attruri talbu li l-konvenut ihallas hames mija u tmienja u hamsin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu, Lm558.75, danni wara incident tat-traffiku;

Ra n-nota ta' eccezzjonnijiet fejn gie eccepit li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident;

Ra d-dokumenti ezebiti;

Sema x-xhieda;

Ikkunsidra li skond il-Pulizija li nvestiga l-incident is-sewwieqa iddikjaraw kif gej:

L-attur Sinclair Valletta: “ waqt li kont sejjer lejn iz-Zurrieq fi triq Hal Far meta rajt vettura BAE 564 minn naha opposta waqaft mal-hajt tan-naha tieghi li kien mhux asfaltat izda l-iehor baqa’ gej jitkaxkar u baqa’ diehel fuq il-vettura tieghi”;

Il-konvenut: “Waqt li kont gej minn naha taz-Zurrieq fi triq Hal Far sibt vettrua numru EAA06 ezatt fill-kisra u mad-daqqa waqaf”;

It-Tribunal jaghmel riferenza ghal kawza “Fogg Limited vs Jesmond Vella” deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru, 2001. F’ din il-kawza l-Qorti tal-Appell qalet li s-sewqan ghandu “jkun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi.....il- Qorti ghalhekk tikkunsidra l-elementi kollha li kkontribwew ghall-incident ifd-dawl tar-regolamenti li jiggvernaw is-sewqan tad-drivers involuti f’ dak il-mument. Kellha tiddetermina x’kienet il- kawza prossima u immedjata tieghu”;

Mill-skizz u mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kienet l-fatt li l-konvenut: naqas li jzomm il-kontroll tal-karozza tieghu u naqas li jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq;

Ra li d-danni ma gewx ikkontestati;

Ghaldaqstant filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna li l-konvenut sabiex ihallas lill-attruri l-ammont ta' hames mija u tmienja u hamsin Liri malti u hamsa u sebghin centezmu, Lm558.75 bl-imghax u bl-ispejjes kif mitlub.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**